DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1928

tat-23 ta' Ottubru 2015

li ttemm il-proċediment antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

A. **BIDU**

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni Ewropea (il-"Kummissjoni") tat bidu għal proċediment anti-dumping rigward l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċertu fojl tal-aluminju bi ħxuna ta' inqas minn 0,021 mm, mingħajr qoxra, mhux maħduma aktar milli rrumblati, f'rollijiet ta' piż li jaqbżu l-10 kg, u għajr fojl tal-aluminju ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 0,008 mm u ta' mhux aktar minn 0,018 mm f'rollijiet ta' wisa' ta' mhux aktar minn 650 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-"RPĊ") u ppubblikat Notifika ta' Bidu ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) L-investigazzjoni bdiet wara li tressaq ilment minn sitt produtturi tal-Unjoni ("l-ilmentatur"), li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni sħiħa tal-Unjoni tal-prodott li huwa taħt investigazzjoni. L-ilment kellu evidenza *prima facie* ta' dumping dannuż li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu.

(3) Il-Kummissjoni avżat lill-ilmentatur, produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, il-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ, il-produtturi possibbli fil-pajjiż analogu, l-importaturi magħrufa, id-distributuri, u partijiet oħrajn magħrufa li huma kkonċernati, u r-rappreżentanti tar-RPĊ dwar il-bidu tal-investigazzjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jispjegaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-Notifika ta' Bidu.

(4) L-ilmentatur, il-produtturi l-oħra tal-Unjoni, il-produtturi esportaturi fir-RPĊ, l-importaturi u d-distributuri taw il-fehmiet tagħhom. Il-partijiet interessati kollha, li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw smigħ.

B. **IRTIRAR TAL-ILMENT U TMIEM TAL-PROĊEDIMENT**

(5) Permezz ta' ittra tal-20 ta' Awwissu 2015 lill-Kummissjoni, l-ilmentatur irtira l-ilment tiegħu.

(6) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, il-proċedimenti jista' jintemm meta jiġi rtirat l-ilment, sakemm dan it-tmiem ma jkunx imur kontra l-interess tal-Unjoni.

(7) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda kunsiderazzjoni li turi li dan it-twaqqif imur kontra l-interess tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-investigazzjoni preżenti għandha tintemm. Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkummentaw. Madankollu, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kummenti li jiġġustifikaw li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(8) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċediment ta' antidumping rigward l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċertu fojl tal-aluminju bi ħxuna ta' inqas minn 0,021 mm, mingħajr qoxra, mhux maħduma aktar milli rrumblati, f'rollijiet ta' piż li jaqbżu l-10 kg, u għajr fojl tal-aluminju ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 0,008 mm u ta' mhux aktar minn 0,018 mm f'rollijiet ta' wisa' ta' mhux aktar minn 650 mm, li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jintemmu mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU C 444, 12.12.2014, p. 13.

(9) Din id-Deċiżjoni hija konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment ta' antidumping rigward l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċertu fojl tal-aluminju bi ħxuna ta' inqas minn 0,021 mm, mingħajr qoxra, mhux maħduma aktar milli rrumblati, f'rollijiet ta' piż li jaqbżu l-10 kg, u għajr fojl tal-aluminju ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 0,008 mm u ta' mhux aktar minn 0,018 mm f'rollijiet ta' wisa' ta' mhux aktar minn 650 mm, li joriġinaw mir-RPĊ, li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM ex 7607 11 19, b'dan jitwaqqaf.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER